MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1/2008

**Saed Salem Saed**

***Versus***

**Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati; Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni; u b'dikriet tad-19 ta' Ġunju 2009 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta**

F'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-qorti tħassar deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u tordna l-appell jinstema' mill-ġdid.

Ir-rikors ifisser kif l-attur, li hu ċittadin libiku, wara li għamel xi żmien f'ħabs fil-Libja ħarab lejn Malta f'Ġunju tal-2000 bil-passaport ta' ħuh. Wara sentejn u nofs f'Malta, li matulhom kellu iben minn relazzjoni li kellu ma' Maltija, f'Jannar 2003 kien arrestat għax kien Malta irregolarment u f'Marzu ta' dik is-sena ntbagħat l-Eġittu mnejn ġie deportat lejn il-Libja. Hemmhekk inżamm disa' xhur f'ħabs.

F'Novembru tal-2003 ħarab u, wara li kiseb visa għal Malta bil-passaport ta' neputi tiegħu, ġie Malta f'Ġunju tal-2006. F'Awissu tal-2006 kien mar fl-uffiċċju tal-*Jesuit Refugee Service* biex jagħmel talba biex jingħata *status* ta' rifuġjat, iżda l-uffiċċju kien magħluq u ngħata appuntament għal Settembru. It-talba għamilha aktar minn xahrejn wara li kien wasal Malta, wara li kien ġie arrestat għax kien Malta irregolarment.

Dwar it-talba għal *status* ta' rifuġjat, l-art. 8(2A) u (2B) tal-Att dwar ir-Rifuġjati [Kap. 420] jgħid hekk:

**8.** (2A) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2B), l-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) għandha ssir, u ma għandhiex tkun valida kemm-il darba ma ssirx fi żmien xahrejn minn meta l-applikant jasal Malta.

(2B) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2A), il-Kummissarju jista', għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li għandhom jissemmew fid-deċiżjoni tiegħu, iqis valida applikazzjoni li tkun saret wara li jkun għalaq iż-żmien imsemmi fl-istess subartikolu (2A) u jipproċedi skond hekk.

Fil-fatt, igħid l-attur, il-Kummissarju għar-Rifuġjati ["il-Kummissarji"] qies it-talba tiegħu bħala waħda valida u, wara li eżamina l-meritu tal-każ bla ma ressaq ebda eċċezzjoni ta' natura preliminari jew formali, ċaħad it-talba biex l-attur jingħata *status* ta' rifuġjat.

Fid-19 ta' Lulju 2007 l-attur appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Rifuġjati["il-Bord"], iżda l-Bord b'deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2007, wara li osserva illi l-attur "*applied for refugee status in Malta long after the peremptory period of two months required by law and … … … only did so after having been arrested for travelling on a false passport and assaulting a police officer*", ċaħad l-appell.

L-attur igħid illi din id-deċiżjoni ngħatat fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi għax huwa biss il-Kummissarju li għandu s-setgħa li jiddeċiedi jqisx valida talba magħmula aktar minn xagħrejn wara li min jagħmel it-talba jkun wasal Malta. Il-liġi ma tagħtix lill-Bord is-setgħa li jqis invalida talba bħal dik meta l-Kummissarju jkun qiesha valida u ma jkunx sar appell fuq dan.

Għal dawn ir-raġunijiet l-attur talab illi l-qorti:

1. tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord tal-11 ta' Diċembru 2007 (numru RAB 2010/07) hija msejsa fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, partikolarment l-Att dwar ir-Rifuġjati;
2. għalhekk tħassar dik id-deċiżjoni;
3. tordna illi l-Bord jisma' l-appell mill-ġdid; u
4. tikkonferma – jekk ikun ġie milqugħ – il-mandat ta' inibizzjoni, li l-attur talab il-ħruġ tiegħu fl-istess ħin illi ippreżenta r-rikors maħluf, sabiex iżomm lill-Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni milli jiddeporta lill-attur.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kawża saret ħażin u ma tiswiex, skond l-art. 7(9) tal-Kap. 420 li fiż-żmien relevanti kien igħid hekk:

**7.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konkluživa u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.

Ladarba l-kawża tallum ma saritx taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma setgħetx issir kif saret.

2. il-konvenuti ma jaqblux ma' wħud mill-fatti esposti fir-rikors maħluf;
3. id-deċiżjoni tal-Bord hiija waħda ġusta u kif trid il-liġi, u għalhekk għandha tiġi mwettqa;
4. talbiet dwar *status* ta' rifuġjat huma materja li jolqtu l-*public policy* tal-istat u għalhekk il-Bord għandu s-setgħa u d-dmir li jidħol ukoll fil-kwistjoni tan-nullità tal-appell minħabba preskrizzjoni u jiddeċiedi dwarha;
5. dan igħodd ukoll fid-dawl tal-Avviż Legali numru 252 tal-2001 [L.S. 420.01] li jagħti setgħat wesgħin lill-Bord, bħal dik illi jitlob lill-Kummissarju biex jagħmel aktar stħarriġ u jagħti lill-Bord aktar tagħrif li jkun meħtieġ; għalhekk ma huwiex minnu dak li jgħid l-attur illi l-Bord ma seta' jieħu ebda inizjattiva bħal ma għamel fil-każ tallum;
6. f'kull każ, il-Bord qies il-meritu tal-appell innifsu u jikkonferma ċ-ċaħda tal-Kummissarju tat-talba tal-attur għal *status* ta' rifuġjat.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2008, billi waqt is-seduta ta' qabel kienet tqanqlet il-kwistjoni jekk il-Bord setax ikun imħarrek bħala konvenut fi proċeduri ġudizzjarji, il-partijiet

ftiehmu illi l-attur iċedi l-proċeduri kontra l-Bord, b'dan li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, u l-proċeduri jitkomplew kontra l-Avukat Ġenerali, li dakinhar stess issejjaħ fil-kawża, laqa' n-notifika u għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet li taw il-konvenuti l-oħra.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

L-attur għamel talba biex jingħata *status* ta' rifuġjat; din it-talba għamilha wara li kien għadda ż-żmien mogħti l-art. 8(2A) tal-Kap. 420. Il-Kummissarju qies it-talba u ċaħadha fil-meritu, iżda ma semmiex "raġunijiet speċjali u eċċezzjonali" li l-art. 8(2B) tal-Kap. 420 irid illi jissemmew fid-deċiżjoni sabiex il-Kummissarju jqis valida talba magħmula wara ż-żmien. Minflok, il-Kummissarju għamel din l-osservazzjoni:

… … … in spite of the fact that, according to the Refugees Act, an application for recognition of refugee status "shall be made, and shall not be valid unless made, within two months of the applicant's arrival in Malta" (8(2A)), you did NOT present your request for refugee status within the time-frame allowed by law.

L-attur appella mid-deċiżjoni iżda l-Bord fil-11 ta' Diċembru 2007 iddeċieda hekk:

… … … the Refugee Appeals Board notes that you applied for refugee status in Malta long after the peremptory period of two months required by law, and that you only did so after having been arrested for travelling on a false passport and assaulting a police officer.

For these reasons among others your request cannot be considered under article 8(2A) of Malta Refugees Act and your appeal is being rejected.

L-attur qiegħed igħid illi l-Bord ma kellux is-setgħa li jqis it-talba tiegħu bħala mhux valida għax saret wara ż-żmien meta l-Kummissarju kien qiesha bħala valida.

Il-fatti kif miġjuba hawn fuq juru ċar illi din il-premessa tal-attur hija żbaljata. Il-Kummissarju ma iddeċidiex "għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li għandhom jissemmew fid-deċiżjoni tiegħu" illi jqis it-talba tar-rikorrent bħala valida; anzi, mhux talli ma semma ebda raġuni għala għandha titqies hekk iżda lill-attur qallu espressament illi "*you did NOT present your request for refugee status within the time-frame allowed by law*". Il-fatt illi l-

Kummissarju, bla ma kellu għalfejn, beda biex ta raġunijiet oħra għala t-talba ma setgħetx tintlaqa' ma jfissirx illi ħa l-pass eċċezzjonali li jqis it-talba bħala valida minkejja dak li tgħid u trid il-liġi.
Il-Bord għalhekk ma qiesx bħala invalida talba li l-Kummissarju kien qiesha bħala valida, kif irid igħid l-attur; li għamel il-Bord kien li wettaq id-deċiżjoni tal-Kummissarju għalkemm b'espożizzjoni ta' raġunijiet aktar preċiża u aktar ekonomika minn dik tal-Kummissarju u forsi wkoll aktar teknikament korretta għax ma tax raġunijiet li ma kinux strettament relevanti, għalkemm forsi utli għas-sodisfazzjon tal-attur stess biex dan ikun jaf illi t-talba tiegħu ma ġietx miċħuda biss għax għamilha wara ż-żmien.
Ladarba għalhekk il-premessa li fuqha l-attur sejjes it-talbiet tiegħu hija radikalment ħażina, l-istess talbiet ma jistgħux jintlaqgħu, u ma huwiex meħtieġ li nqisu wkoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati li, skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fid-19 ta' Ġunju 2008, għandhom jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------